**Minuti ta' l-Erbgħa u Erbgħin -il laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar il-Tnejn, 19 ta' April 2010 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Jonathan Buttigieg informal is-Segretarju Ezekuttiv bil-miktub li ma setgħax jattendi

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 43 ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bhala dokumenti uffiċċjali.

3. **Ħaddiema ta' l-IPSL.** Inġibed l-attenzjoni dwar żewġ ħitan tas-sejjieħ li għandhom bżonn jinbnew dawn jinsabu fi Triq Xandriku oppost ir-residenza ta' Meilak u l-ieħor fi Triq tad-Duru.

4. **Kuntratt Ġbir ta' Skart Domestiku.** Saret laqgħa oħra mas-Sindki u Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Qala u Għajnsielem dwar l-offerta ta' ġbir ta' Skart Domestiku. Għal din il-laqgħa kienu preżenti uffiċċjali tal-GRTU li taw xi nformazzjoni utli ta' kif għandu toħroġ din l-offerta.

5. **Qorti Pendenti.** Il-Kunsill bagħat kopja tal-ftehim lill-Nicky Saliba wara li hu avviċina lill-Kunsill sabiex din il-kwistjoni tiġi "settled" barra mill-qorti. Il-Kunsill qed jistenna mingħandu sabiex jiġi ffirmat dan il-ftehim.

6. **Triq Diċembru 13.** Il-Kunsilliera qablu li għandha ssir laqgħa pubblika dwar ix-xogħlijiet li ġew proposti li jsiru fi Triq Dicembru 13. Filwaqt li l-Kunsilliera qablu li hemm bżonn li t-triq tingħata tarmac ġdid hemm dubju dwar it-twessiegħ ta' bankini f'din it-triq. Din il-laqgħa għandha ssir f'Mejju.

7. **Suq fil-Miftuh.** Kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti, l-Kunsill ser jestendi s-Suq fil-Miftuh fi Triq il-Kapillan mill-kantuniera ta' Triq Cicciano sal-kantuniera ma' Triq Dun Bernard Haber. Qabel ma jingħataw dawn il-postijiet irridu jsiru l-marki fit-triq.

8. **CCTV.** Il-Kunsill ser jiġbor kwotazzjonijiet għall-installazjoni ta' CCTV fi Gnien il-Kunsill. Dan sabiex jonqsu l-abbużi, vandaliżmu u ħmieġ ta' klieb. Is-Segretarja tkellmet ma persuni f'dan il-qasam u ġiet informata li din it-tip ta' camera tista' tiġi nstallata u kkontrollata mill-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jitlob permess lil Enemalta.

9. **Biċċiet ta' Ajruplani.** Dr. Rita Mifsud u Maria Natoli ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-kwistjoni tal-biċċiet ta' ajruplani li qegħdin jiġu esponati għall-

pubbliku fil-mużew ta' l-avjazzjoni. Dun Duminku Camilleri qed jinsisti li dawn il-biċċiet jingħataw lura lill-Kunsill. Dr. Rita Mifsud għandha terġa tavviċina lil avukat tad-diretturi ta' dan il-mużew sabiex huma jonaraw il-kuntratt li għandhom mal-Kunsill tan-Nadur.

10. **Mayfair**. L-attivita' tal-Mayfair ser issir bejn il-Gimgħa 30 ta' April u l-}add 2 ta' Mejju. Għal din l-attivita' l-Kunsill informa lill-għaqdiet kollha tal-Festa sabiex jekk iridu jieħdu sehem biex billi jagħmlu xi stand bħala fund raising. Il-Kunsill ġie avvicinat mill-Kumitat Armar Triq Dicembru 13 biex jieħdu stand u jbiegħu x-xtieli, Kumitat Armar tal-Pjazza biex jieħdu stand bi drinks u ħelu u l-Kumitat tal-Banda biex jagħmlu stand ta' l-ikel. In-Nursery tal-Football ser jieħdu ħsieb il-bouncing castle. Il-Kunsilliera qablu li dawn l-istands tal-Għaqdiet jingħataw mingħajr ħlas peress li din l-attivita' mhux waħda kbira. Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera li kien hemm xi talbiet mingħand tal-kiosks biex jarmaw matul il-ġranet tal-Mayfair. Il-Kunsilliera ma qablux li jingħata permess għall-kiosks kummercjali peress li ser ikun hemm l-istands tal-għaqdiet.

11. **Korrispondenza.**

(2514) Email mingħand il-MEUSEC dwar seminar obligatorja għall-Kunsilli
(2515) Lista mingħand l-ETC dwar applikanti għall-post ta' Handyman
(2516) Ittra mic-Centru Parrokkjali dwar Jum iż-Żgħażagh 2010
(2517) Ittra minn Transport Malta dwar road hump fi Triq il-Madonna ta' Lourdes
(2518) Invit mill-Ministeru għal Għawdex fl-okkażjoni ta' Jum Dinji tal-Ktieb 2010 fit 23 ta' April
(2519) Audit Report and Financial Statements tas-sena 2009
(2520) Kopja ta' ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar devoluzzjoni fi Triq Dun Anton Tabone
(2521) kopja tal-kuntratt li jrid jiġi ffirmat ma Nicky Saliba
(2522) Commitment mingħand il-Gvern ta' fondi ta' €466 għall-kotba tal-librerija
(2523) Ittra mill-Assistant Kummissarju Raymont Zammit dwar laqgħat
(2524) Ittra mill-Għaqda Armar Triq Dicembru 13 dwar attivita' ta' bejh ta' xtieli
(2525) Memo 45/2010 – Kuntratti Godda Dwar Resurfacing ta' toroq b'sistema ta' Public Private Partnership
(2526) Memo 46/2010 – MEUSAC – Għajnuna fil-Milli tal-applikazzjonijiet għal proġetti taħt il-programmi ta' Fondi tal-Unjoni Ewropea
(2527) Memo 47/2010 – Mistoqsija Parlamentari
(2528) Memo 48/2010 – Mistoqsijiet Parlamentari
(2529) Memo 49/2010 - Mistosija Parlamentari
(2530) Memo 50/2010 – Manutenzjoni jew kisi mill-ġdid ta' toroq għas-sena 2010
(2531) Memo 51/2010 – WiFi access points
(2532) Memo 52/2010 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarjja Għal Korsijiet Lifelong Learning
(2533) Ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar stand fil-Mayfair
(2534) Ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar il-Kunċert ta' l-Imnarja
(2535) Email mingħand Joe Attard (GRTU) dwar il-kuntratt ta' ġbir ta' skart
(2536) Email mingħand l-Onor. Chris Said dwar kunċert
(2537) Email mingħand Delicata dwar l-isponsorship tal-Wine Festival
(2538) Ittra minghand is-Seminarista Daniel Meilaq dwar Jum iz-Zghazagh

12. **Kunċert.** Il-Kunsill irċieva email mingħand s-Segretarjat ta' l-Onor. Chris Said dwar il-possibilta' li jsir kunċert minn Mark Andrew Tabone, Elvis impersonator. Mark Andrew Tabone huwa t-tifel ta' l-ewwel Sindku tan-Nadur il-mibki Joe Tabone. Din is-sena hu rebaħ l-Australian Elvis World Cup u ser jirrappreżenta lill-Awstralja fl-Evlis World Cup f'Cardiff, Wales. Mark Andrew Tabone xtaq li jagħmel żewġ kunċerti f'Malta u għalhekk is-Segretarju Parlamentari ssuġġerixxa li wieħed minn dawn il-kunċerti issir

fin-Nadur nhar l-Erbgħa 30 ta' Gunju. L-ispejjes ta' dan il-kunċert ikun ta' madwar €1300 u dwal u sound. Il-Kunsilliera qablu li dan il-kuncert issir fit-30 ta' Gunju fi Gnien il-Kunsill.

13. **Wine Festival 2010.** Il-Kunsill kien aċċetta sponsor mingħand il-Vodafone għal attivita' tal-Wine Festival iżda id-Delicata kien diġa kkommetta mal-kumpanija GO dwar il-Wine Festival ta' Malta kif ukoll tan-Nadur. Id-Delicata informat lill-Kunsill li għalihom mhux aċċetabli li jkun hemm l-isponsor tal-Vodafone għal din l-attivita. Bill Hermitage mid-Delicata nforma lill-Kunsill li GO plc lest li jagħti l-istess sponsor lill-Kunsill (jiġifieri ta' €1048). Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jinforma lill-Vodafone dwar dan.

14. **Impjieg ta' Handyman.** Il-Kunsill irċieva it-tielet lista mingħand l-ETC dwar persuni eliġibli biex japplikaw għal post ta' Handyman mal-Kunsill. Min din il-lista kien hemm żewġ applikanti. Wieħed minn dawn l-applikanti jinsab imsiefer bħalissa. Il-Kunsill ser jistenna li dan il-persuna jasal lura Malta sabiex jagħmel l-intervisti ta' dawn iż-żewġ applikanti. Dan ser issir mill-bord maħtur għal dan il-għan.

15. **Triq il-Madonna ta' Lourdes.** Il-Kunsill kien irċieva talba mingħand xi residenti ta' Triq il-Madonna ta' Lourdes sabiex issir speed hump f'din it-triq. Il-Kunsill resaq din it-talba lil Transport Malta iżda din ġiet irifjutata.

16. **Tindif ta' l-Uffiċċju.** Il-Kunsill ser jerġa joħroġ l-offerta għall-servizz ta' tindif ta' l-uffiċċju.

17. **Offerta ta' tindif u zamma tal-latrina fil-bajja ta' Daħlet Qorrot.** Il-Kunsill irċieva erbgħa offerti għaż-żamma u tindif tal-latrina ta' Daħlet Qorrot. Dawn infethu fil-preżenza tal-Kunsilliera. Dawn kienu ta'

Mario Cardona €129.50

Saviour Meilak €209.00

Peter Paul Meilak €195.00

Il-Kunsilliera qablu li din l-offerta tingħata lil Mario Cardona peress li din kienet l-aktar waħda vantaġġuża. Il-latrina għandha tinfetaħ fl-1 ta' Mejju u tibqa' miftuħa sa l-aħħar tas-sajf.

18. **Imnarja 2010.** Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill fl-okkazzjoni ta' l-Imnarja. Dawn ser ikunu l-wirja agrarja fid-19 u 20 ta' Gunju. Jum it-tfal fil-21 ta' Gunju, Jum iż-Żgħażagħ fit-22 ta' Gunju, kunċert tal-Banda Imnarja fit 23 ta' Gunju, Ikla Tradizzjonali fl 24 ta' Gunju u x-Xalatta fit-30 ta' Gunju. L-attivita taż-|għażagħ ser issir bil-kollaborazzjoni mac-Centru Parrokjali. Il-Kunsill għandu budget ta' €250 ghal din l-attivita. Il-Kuncert tal-Banda ser issir bil-kollaborazzjoni mas-Socjeta Filarmonika Mnarja. Il-Kunsill ghandu budget ta' €1165 ghal din l-attivita. Il-Kunsill ser jiehu hsieb jgib l-ispecial guest ghall-Ikla Tradizzjonali. Ser tiġi mistiedna Thea Garrett. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li hi diġa kellha laqgħa mal-

helpers tal-Wirja Agrarja u hemm xi ideat differenti ghal din is-sena. L-attivita' ser tkun ibbazata fuq karrettuni u tizjin taghhom. Ser jiġu avvicinati xi bdiewa dwar dan. Ser jiehdu sehem ukoll l-istudenti Nadurin li jattendu School of Art. Huma ser jesebixxi l-arti taghom kif ukoll jaghmlu xi dimostrazzjonijiet. {ie ssuġġeriet li tiġi mistiedna Claudette Pace għal Wirja Agrarja (Sibt filghaxija) u l-folk group tal-Qala (Menhir Folk Group) ghal Hadd filghodu. Ser ikun hemm stands ta' prodotti agrikoli minn ħwienet lokali waqt il-Wirja Agrarja.

19. **Korsijiet tas-sajf.** Is-Sindku kellha talba mingħand xi ġenituri sabiex jiġi organizzat Summer Camp għaż-Żgħażagħ bejn l-etajiet ta' 15 u 17 (dawk li twieldu bejn is-snin 1995-1997). Għal dan il-għan is-Sindku għamlet laqgħa ma xi ġenituri u Mario Apap, Youth worker. Ser jiġi mfassal programm ta' atttivitajiet matul ix-xahar ta' Lulju 2010, tlett ijiem fil-gimgħa. Dawn l-attivitajiet jinkludu filming, first aid, upsailing, sports, tisjir, eċċ. Ser issir ic-Child Day Care Centre għat-tfal ta' etajiet bejn tlieta u sebgha snin. Ser jiġu organizzati xi korsijiet oħra bhal art attack, pottery, tisjir.

20. **GAC.** Gozo Aging Committee. Il-Kunsill iltaqa ma' Dun Mario Cassar u membri oħra tal-GAC. Huma spejgaw l-għan ta' dan il-kumitat li hu li jkun hemm Dar għal-Anzjani fin-Nadur fil-propjeta tal-Knisja fi Triq it-Tiġrija. Huma talbu s-support tal-Kunsill. Fir-rigward tat-talba tal-GAC il-possizzjoni tal-Kunsill hija li fil-prinċipju jaqblu mal-proposti għall-servizzi għall-anzjani. Dwar l-iżvilupp propost għal dar ta' l-anzjani l-Kunsill lest li jagħti s-support tiegħu jekk dan jiġi approvat mill-awtoritajiet ekklesjastiċi peress li huma sidien tal-propjeta.

21. **Proġett ta' l-arti.** Il-Kunsill ġie avviċinat minn Graham Woodall sabiex jiehu sehem fi proġett ta' arti. F'dan il-proġett ser ikun hemm sitt lokalitajiet minn Malta u Ghawdex li ser tiġi esibita f'diversi lokalitajiet. Biex jieħu sehem il-Kunsill irrid jagħmel grupp ta' madwar mitt persuna biex jaħdem fuq dan il-proġett. Jekk dan il-proġett jiġi approvat il-Kunsill irrid joħroġ 250 fi spejjeż.

22. **Affarijiet oħra.** Is-Sindku nformat lill-Kunsill li hemm bżonn li jitneħħa l-bank li hemm fil-kantuniera ta' Triq il-Knisja ma' Triq Piju Cellini peress li hemm kostruzzjoni għaddeja f'dan il-post. Charles Said ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn tiswija fil-konkos tal-passaġġ faċċata taċ-ċimiterju fi Triq it-Torri ta' Kenuna. Maria Natoli ġibdet l-attenzjoni tal-bżonn li jkun hemm pedestrian crossing fi Triq ir-Rabat. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li hi kellha talba sabiex issir passaġġ bil-konkos f'ta Hida. Din it-talba saret minn Coronatu Mifsud. Il-Kunsill ser jiġbor kwotazzjoni għal dan ix-xogħol u wkoll permessi mingħand is-sidien ta' l-għelieqi. Il-Kunsill ser jitlob li jsiru sinjali sofor quddiem id-driveway ta' El Paso Triq Xandriku kif ukoll fil-bidu ta' Triq Hida fuq in-naha fejn m'hemx bini. Maria Natoli fakret dwar it-talbiet għal pedestrian crossings fi Triq tad-Duru kif ukoll bżonn li jitranġaw it-tappieri f'din l-istess triq. Maria Natoli reggħet semmiet il-mera li hemm nieqsa fi Triq San Blas qabel in-niżla għall-bajja.

23. **Kontijiet.** Kontijiet li ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| 9343 Anglu Said | 30.00 | holes for trees |
| 9344 Maryann Cauchi | 547.40 | Rent (garage) |
| 9345 Robert Grech A&CE | 820.00 | surveys |
| 9346 Freddi Portelli | 852.00 | maintenance on gazebos |
| 9347 P&J Debono Cons. Ltd. | 2057.43 | cement works |
| 9348 Joseph Camilleri | 325.00 | new grass cutter |
| 9349 Carmel Mifsud | 388.72 | hire of equipment |
| 9350 Saviour Meilak | 113.05 | public convenience |
| 9351 Peter Paul Buttigieg | 38.00 | internet updating |
| 9352 Kumitat Armar tal-Pjazza | 300.00 | hire of poles |
| 9353 Maria Attard | 10.00 | book for library |
| 9354 Smart Office Supplies Ltd. | 48.05 | stationery |
| 9355 Zephyr Garage | 74.00 | transport |
| 9356 MITA | 416.85 | connectivity |
| 9357 GO plc | 170.93 | telephone & fax lines |
| 9358 Concetta Mifsud | 125.00 | March |
| 9359 Mary Rose Grima | 125.00 | March |
| 9360 Gemma Zammit | 175.00 | March |
| 9361 Mary Attard | 34.98 | Library March |
| 9362 Alka Ceramics | 41.30 | street name plaque |
| 9363 KIP Ghawdex Ltd. | 2386.79 | refuse collection |
| 9364 Anthony Mercieca | 101.58 | bulky refuse |
| 9365 JCR Ltd | 7.42 | paving material |
| 9366 Elizabeth Azzopardi | 44.27 | Feb & March cleaning |
| 9367 Andrew Fleri Soler | 30.00 | repairs of photocopier |
| 9368 Tropical Forest | 123.98 | plants |
| 9369 Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 124.10 | contract manager |
| 9370 Vicky Grima | 60.00 | elderly day |
| 9371 Saviour Spiteri | 1099.50 | carnival band |
| 9372 Richard Cauchi | 832.04 | 1721 |
| 9373 Miriam Portelli | 345.33 | April |
| 9374 Rita Mifsud Attard | 1461.28 | April Salary |
| 9375 Sue Ellen Bugeja | 987.64 | April Salary |
| 9376 CIR | 977.82 | April |
| 9377 Nadur Local Council | 109.11 | Petty Cash |
| 9378 Joseph Gauci | 25.00 | cleaning during procession |

**€15,408.57**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:30 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju 2010 fis-7:30 p.m.